# Q O R T I Ċ I V I L I

## (Sezzjoni tal-Familja)

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**Illum 31 ta' Ottubru 2018**

Rikors Nru. 267/2016 RGM

Kawza fil-lista: 18

**A B**

**Vs**

**C D**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppermettiet u tallbet is-segwenti:-

Illi r-rikorrenti u l-intimat mhumiex mizzewgin izda frott tar-relazzjoni taghhom twieldu zewgt itfal u cioe` E F ta' disa' (9) snin li twieled nhar it-3 t'Awwissu tas-sena 2007 (ara c-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala **Dok GV1**) u tifla G H ta' hames (5) snin li twieldet nhar il-15 ta' Mejju 2011 (ara c-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala **Dok GV2**);

Illi sfortunatamnet l-intimat ghandu l-vizzju tax-xorb u fil-fatt huwa spiss ikun inebrijat u ricentement anka kien rikoverat gewwa l-isptar Monte Karmeli minhabba l-istess abbuz alkoholiku, tant li huwa anke kien jircievi kura minghand il-Psikjatra Dr. Joseph Cassar gewwa l-Psychiatric Out Patients Department (POP);

Illi apparti l-problema tal-alkahol, l-intimat ibati wkoll minn problemi ta' sahha mentali li qeghdin iwassluh sabiex jagixxi b'mod inadegwat tant li anke hedded lir-rikorrenti li ser jaghmlilha xi wahda bhal li jmur jahtaf liz-zewg ulied mill-iskola u anke li jaqbad il-karozza biz-zewg ulied u jmur jaqbez minn xi mkien ghal isfel. L-intimat sfortunatament jghix f'dinja u f'realta` ghalih u huwa difficli ferm li jifhem jew jikkomunika tajjeb u dan minhabba l-problemi ta' sahha mentali tieghu li tidher li hi wahda genetika;

Illi r-rikorrenti ma tixtieqx li ccahhad lill-intimat minn uliedu, pero huwa indispensabbli li l-intimat jindirizza l-problema serja li ghandu ghax ma jistax ikun li hija tibqa' tghix f'din il-biza', apparti l-fatt li l-istess intimat ghandu bzonn li jkollu xi forma ta' supervizjoni meta jkun mal-istess ulied sabiex l-ahjar interessi taghhom jigu salvagwardjati u dan peress li l-istess intimat ma jifhimx anke kuncetti bazici ta' *safety* u ta' kif wiehed ghandu jikkomporta ruhu mal-istess ulied;

Illi fil-mori tal-medjazzjoni rrizulta li l-minuri E F, beda jbati minn kundizzjoni maghrufa bhala 'Alopecia' li hija rizultat ta' stress u ansjeta` kbira li twassal biex il-minuri anke jitlef hafna xaghar;

Illi stante l-partijiet gejjin minn ambjent pjuttost difficli, liema ambjent sfortunatament wassal biex l-intimat anke naqas milli jkun prezenti b'mod kostanti f'hajjet il-minuri, l-ispecjalisti qeghdin jahsbu li tali nuqqas jista' jkun il-kawza tal-istress fuq il-minuri E F;

Illi min-naha l-ohra l-minuri G wkoll qieghda tbati minn diffikultajiet kbar u anke qieghda tigi segwita minn psychologist minhabba *behavioural problems* u diffikulta` fl-*ispeech* taghha minkejja li ghandha biss hames snin;

Illi pendenti l-medjazzjoni, nhar id-9 ta' Frar 2016 ir-rikorrenti ntavolat rikors dwar numru ta' aspetti, fosthom il-kura u l-kustodja tal-minuri, l-access u l-manteniment permezz (ara **Dok GV3** hawn anness) b'dan li permezz ta' digriet datat il-21 ta' Marzu tas-sena 2016 (ara **Dok GV4** hawn anness), din l-Onorabbli Qorti ordnat li:

- l-kura u l-kustodja taz-zewg minuri tkun kongunta bejn il-partijiet b'dan li l-minuri jirrisjedu mal-omm;
- l-omm tiehu wahedha d-decizjonijiet kollha koncernati l-edukazzjoni tal-minuri u dawk li jirrigwardjaw is-CDAU ghal-liema minuri jattendu regolarment;
- l-access ikun supervizjonat mis-social workers tal-Agenzija Appogg gewwa l-istess Agenzija Appogg favur il-missier, darba fost il-gimgha, kif ukoll kull hmistax, nhar ta' Sibt, b'dan li l-gurnata fost il-gimgha u l-hin jigu decizi mill-Agenzija Appogg;
- ghandha tkun biss l-omm li tigbor il-minuri mill-iskola u hadd aktar;
- l-intimat ghandu jhallas is-somma ta' erba' mott ewro (€400) fix-xahar, liema manteniment ghandu joghla kull sentejn skont l-indici tal-gholi tal-hajja; u
- l-intimat ghandu jhallas ukoll nofs l-ispejjez ghas-sahha u l-edukazzjoni taz-zewg ulied.

Illi propju minhabba l-problemi ta' sahha mentali li ghandu l-intimat flimkien mal-problema tal-alkahol tieghu, ir-rikorrenti thoss li mhux idonju li l-intimat ikun fdat maghha bil-kura u l-kustodja tal-minuri u ghalhekk umilment tissottometti lil din l-Onorabbli Qorti ghandha tafda l-kura u l-kustodja taz-zewg minuri f'idejn l-istess rikorrenti b'dan li tkun hi li tiehdu dawk id-decizjonijiet kemm ordinarji kif ukoll straordinarji dwar sahha, edukazzjoni u safar tal-istess b'dan ukoll li l-istess minuri jirrisjedu maghha;

Illi r-rikorrenti umilment tissottometti wkoll li ghandha tkun hi biss li tibqa' tigbor lill-minuri mill-iskola, li tibqa' hi biss inkarigata mill-appuntamenti u d-decizjonijiet relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri u l-access jibqa' jigi ezercitat gewwa l-Agenzija Appogg u dan kollu minhabba l-istess problem ta' sahha mentali tal-intimat;

Illi minkejja d-digriet imsemmi hawn fuq, l-intimat qieghed jonqos milli jhallas il-manteniment dovut ghal uliedu, tant li diga` ttiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu. Nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni mhumiex jithallsu lanqas u ghalhekk, ir-rikorrenti umilment tissottometti li jkun aktar ghaqli li l-manteniment ghaz-zwieg minuri jkun jinkludi fih ukoll nofs l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni u dan peress li r-rikorrenti ma tistax tikkomunika mal-istess intimat, anke minhabba l-problemi ta' sahha mentali tieghu. Huwa f'dan il-kuntest ukoll li r-rikorrenti umilment tirrileva li tali manteniment ghandu jibda jithallas direttament mill-paga tal-intimat jekk ikun qed jahdem jew minn xi pensjoni jew beneficcju socjali li jkun intitolat ghalih b'dan li ghandu jigi depositat f'kont bankarju indikat mill-istess rikorrenti ghaliex mhuwiex gust u ekwu li tibqa' terfa' l-piz finanzjarju taz-zewg ulied wahidha;

Illi permezz ta' digriet moghti fid-19 ta' Settembru 2016 minn din l-Onorabbli Qorti, il-medjazzjoni giet maghluqa u l-partijiet gew awtorizzati sabiex jipprocedu b'kawza (ara l-kopja legali tad-digriet hawn anness bhal **Dok GV5**):

Ghaldaqstant, jghid l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri E F u G ghandha tigi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti;

2. Tawtorizza u tordna li tkun ir-rikorrenti li b'mod esklussiv tiehu dawk id-decizjonijiet kollha relatati mas-sahha, l-edukazzjoni u s-safar taz-zewg minuri;

3. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tibqa' tkun hi biss (jew rapprezentant taghha) li tigbor il-minuri mill-iskola;

4. Tordna li l-access tal-intimat jibqa' jigi ezercitat skont id-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat il-21 ta' Marzu tas-sena 2016 b'dan li tali access jibqa' jigi ezercitat b'supervizjoni gewwa l-Agenzija Appogg;

5. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tiffirma ghall-passaporti tal-minuri minghajr il-bzonn tal-firma u/jew il-kunsens tal-intimat u tordna li tali passaporti ghandhom jinzammu mill-istess rikorrenti;

6. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex issiefer barra minn Malta flimkien maz-zewg minuri minghajr il-firma, awtorizzazzjoni jew il-kunsens tal-intimat;

7. Tiffissa u tillikwida somma adegwata bhala manteniment ghall-minuri Juan Carlos u Sasha Lee, liema manteniment ghandu jithallas kull erba' gimghat u ghandu jinkludi u jinkorpora fih ukoll nofs l-ispejjez kollha relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri;

8. Tordna lill-intimat ihallas tali somma hekk likwidata lir-rikorrenti permezz ta' *standing order* f'kont bankarju indikat mill-istess rikorrenti u dan *di fermo* sakemm kull wiehed u wahda mill-istess ulied ikollu/jkollha l-eta` ta' tmintax (18)-il sena b'dan li tali manteniment jibqa' dovut sal-eta` massima ta' tlieta u ghoxrin (23) sena f'kaz li l-istess ulied jew min minnhom ikun/tkun qed tistudja fuq bazi *full-time*:

9. Tordna u tawtorizza li f'kaz li l-intimat ikun qieghed jahdem jew jircievi xi beneficcji socjali, il-manteniment ghall-istess ulied hekk likwidat minn din l-Onorabbli Qorti jinqata' direttament minn tali introjtu jew beneficcji socjali skont il-kaz;

10. Tordna li l-beneficcji socjali kif ukoll ic-children's allowance jibqghu jigu percepiti esklussivament mir-rikorrenti;

U dan that kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

Rat li l-konvenut gie notifikat bir-rikors guramentat tal-attrici izda ma pprezentax risposta guramentata.

Rat l-affidavit tal-attrici u tax-xhud R B.

Rat id-digriet pendente lite tad-29 ta' Awissu 2017 li permezz tieghu l-attrici giet fdata bil-kura u kustodja taz-zewg minuri; ordnat li r-residenza tal-minuri tkun esklussivament mal-omm; awtorizzat lill-attrici tapplika wahedha ghall-passaport tal-minuri; awtorizzat lill-attrici sabiex ssiefer lill-minuri ghal zmien temporanju.

Semghat it-testimonjanza tax-xhud O B fl-udjenza tal-31 ta' Jannar 2018.

Semghat it-testimonjanza tax-xhieda il-Prokuratur legali Sean Meli u ta' Joseph Saliba fl-udjenza tat-22 ta' Marzu 2018.

Semghat ix-xhieda in subizzjoni tal-konvenut moghtija fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2018.

Rat id-digriet moghti waqt l-imsemmija udjenza li jaqra kif gej:-

"Peress illi qed jirrizulta lill-Qorti illi mid-digriet moghti fil-21 ta' Marzu 2016 fl-atti tal-medjazzjoni l-access supervizjonat hemm awtorizzat qatt ma gie ezercitat da parti tal-konvenut fuq decizzjoni tieghu, minghajr pregudizzju ghall-pretensjonijiet reciproci tal-partijiet, il-Qorti qed tissospendi l-access tal-missier sakemm ma tinghatax ordni ohra fir-rigward."

Rat l-affidavit tal-Psikjatra Dr Nigel Camilleri

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**KURA U KUSTODJA**

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud"** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014 fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Mario Darmanin vs Annalise Cassar"** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 ntqal:

" …meta tigi biex tiddecidi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-meriti u demeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahjar interess tal-minuri. (vide per ezempju **Magro vs Bonett** 11 ta' Dicembru 2003 u **Portelli vs Portelli**, 25 ta' Gunju 2003-Prim'Awla)"

"Il-Qorti qed tiskarta t-talba ghal kustodja kongunta ghaliex bhala sistema m'hijiex prattikabbli meta il-genituri ma jiftehmux bejniethom" (**Miriam Cauchi vs Francis Cauchi**-Qorti tal-Appell, 3 ta' Ottubru 2008).

Ezaminati l-provi kollha mressqa il-Qorti hi tal-ferma fehma li huwa fl-interess suprem tal-minuri li l-omm tigi  affidata esklusivament bil-kura u kustodja tieghu.

**MANTENIMENT.**

Il-provvedimenti legali fil-Kodici Civili dwar id-dover tal-genituri li jipprovdu manteniment lill-uliedhom huma s-segwenti:

**Artikolu 7.**

(1) Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, ighallmu u jedukaw lill-uliedhom bil-mod kif stabbilit fl-artikolu 3B.

**Artikolu 19.**

(1) Fil-manteniment jidhlu l-iekel, l-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni.

(2) Fil-manteniment li ghandu jinghata lill-ulied u dixxendenti ohra, jidhlu wkoll l-ispejjez mehtiega ghas-sahha u ghall-edukazzjoni taghhom.

**Artikolu 20.**

(1) Il-manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih.

Il-partijiet genituri tal-minuri, m'humiex mizzewgin lil xulxin. L-obbligi ta' manteniment tal-ulied ta' genituri li ma jghixux flimkien, huma l-istess sia jekk il-genituri huma mizzewgin lil xulxin, kif ukoll jekk ma jkunux mizzewgin. Issir referenza ghalhekk ghall-provvedimenti tal-Kodici Civili dwar il-manteniment tal-ulied f'kaz ta' firda tal-genituri mizzewgin :-

**Artikolu 54.**

-omissis-

(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied fil-kaz ta’ firda, jigi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-mizzewgin, il-hila taghhom li jahdmu u l-bzonnijiet taghhom, u ghandhom jitqiesu ukoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-mizzegin u tal-ulied……….

Il-Qrati taghna konsistement irritenew illi l-quantum tal-manteniment tal-minuri pagabbli mill-genitur li ma ghandux il-kustodja tal-minuri jigi stabbilit wara apprezzament li l-Qorti trid taghmel tal-fatti migjuba quddiemha fid-dawl tal-provvedimenti legali citati ‘supra’.

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet “**Angela Conti vs Lawrence Bonnici”** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Frar 2015 fejn ntqal:

“Wiehed l-ewwelnett ghandu jifhem li f’ezercizzju bhal dak li taghmel Qorti meta tiffissa hlas ta’ manteniment l-istess Qorti tkun qed taghmel apprezzament tal-fatti li jkollha quddiemha u mbaghad skont l-artikoli fuq imsemmija tal-Kodici Civili tasal ghall-konkluzjoni taghha dwar x’ghandu jkun l-ammont gust li jithallas”.

Ma jirrizultax li l-konvenut huwa inkapaci li jahdem pero' jirrizulta li fiz-zmien illi xhed kien minghajr impieg. Nonostante li inghata l-opportunita' li jipprezenta risposta guramentata huwa naqas milli jaghmel dan. Ghalkemm huwa minnu illi l-kontumacja ma hiex ammissjoni izda ghandha tigi meqjusa bhala opposizzjoni ghat-talbiet attrici, fejn jidhlu l-ulied huwa l-obbligu ta' kull genitur illi jaghti l-kontribut mehtieg ghall-htigijiet kollha tal-minuri sew spejjez relatati ma' residenza, hwejjeg u ikel kif ukoll dawk relatati ma' sahha u edukazzjoni.

Sabiex genitur jigi ezonerat mill-obbligu statutorju tieghu li jmantni adegwatament lill-uliedu, huwa mehtieg li ssir il-prova li l-genitur qieghed fl-impossibilita' li jmantni lil uliedu minhabba impediment legittimu bhal perezempju inkapacita' permanenti serja li tirrendih inkapaci li jahdem.

Tali obbligu statutorju ma jinhelisx billi wiehed jghid li m'ghandux impieg izda lanqas jirregistra ghax-xoghol

Fil-kaz odjern ma tresqet l-ebda prova li l-konvenut qieghed fl-impossibilita' li jahdem. Fic-cirkostanzi l-Qorti qed tiddeciedi illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala manteniment ghaz-zewg minuri erba' mitt ewro (4300) fix-xahar li tinkludi fiha l-kontribuzzjoni tal-konvenut ghall-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-minur; i li tizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi, fil-kontumacja tal-konvenut, tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici;

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri Juan Carlos u Sasha ghandha tigi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti;

2. Tilqa' t-tieni talba u tawtorizza u tordna li tkun ir-rikorrenti li b'mod esklussiv tiehu dawk id-decizjonijiet kollha relatati mas-sahha, l-edukazzjoni u s-safar taz-zewg minuri;

3. Tilqa' t-tielet talba u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tibqa' tkun hi biss (jew rapprezentant taghha) li tigbor il-minuri mill-iskola;

4. Tichad ir-raba' talba attrici.

5. Tilqa' l-hames talba attrici u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tiffirma ghall-passaporti tal-minuri minghajr il-bzonn tal-firma u/jew il-kunsens tal-intimat u tordna li tali passaporti ghandhom jinzammu mill-istess rikorrenti;

6. Tilqa' s-sitt talba attrici u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex issiefer barra minn Malta flimkien maz-zewg minuri minghajr il-firma, awtorizzazzjoni jew il-kunsens tal-intimat;

7. Tilqa' s-seba' talba attrici, u tiffissa u tillikwida s-somma ta' erba' mitt ewro (€400) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri, (€200) kull wiehed u wahda, liema manteniment ghandu jithallas kull erba’ gimghat u ghandu jinkludi u jinkorpora fih ukoll nofs l-ispejjez kollha relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri;

8. Tilqa' t-tmien talba attrici, tordna lill-intimat ihallas tali somma hekk likwidata lir-rikorrenti permezz ta’ *standing order* f’kont bankarju indikat mill-istess rikorrenti u dan *di fermo* sakemm kull wiehed u wahda mill-istess ulied ikollu/jkollha l-eta` ta’ tmintax (18)-il sena b’dan li tali manteniment jibqa’ dovut sal-eta` massima ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena f’kaz li l-istess ulied jew min minnhom ikun/tkun qed tistudja fuq bazi *full-time*:

9. Tilqa' d-disa' u l-ghaxar talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Onor. Robert G. Mangion** — **Lydia Ellul**

**Imhallef** — **Deputat Registratur**